## Għajnuna tajba f'kull sens

Għadu kemm tqassam il-Kalendarju tal-Parroċċa 2026. Wara li s-sena l-oħra kellu t-tema "Attent għad-dettalji" b'ritratti li juru l-isbuħija moħbija fiċ-ċokon, li tiġi skoperta u apprezzata meta wieħed jieqaf u josserva mill-qrib dak li jkollu quddiemu; din is-sena qed nagħtuh it-tema, "Ħarsa mill-għoli" b'ritratti li juruna l-isbuħija ta' raħalna mill-għoli, jiġifieri minn perspettiva oħra li m'aħniex imdorrijin biha; perspettiva li tagħtina viżjoni iktar sħiħa tar-realtà li qed ngħixu fiha; perspettiva li tgħinna nidħlu ftit iktar fil-ħarsa li Alla għandu fuqna. Għalhekk semmejnieh "Ħarsa mill-għoli". Nixtieq ħafna taqraw il-messaġġ li hemm fl-ewwel paġna u l-kliem li hemm ma' kull ritratt, għax nemmen li jistgħu jkunu ta' sostenn għalina lkoll li spiss niffissaw fuq dak li hu ikrah u diffiċli u neħlu b'viżjoni parzjali tar-realtà tagħna.

Filwaqt li nirringrazzjaw ħafna lil fotografi li taw sehemhom u lil dawk kollha li offrew jirreklamaw xogħolhom, kif jidher fl-aħħar paġni ddedikati għad-Direttorju tas-Servizzi, infakkrukom li min jixtieq iktar kopji għall-emigranti jew ħbieb jista' jakkwistahom mill-Uffiċċju Parrokkjali.

Mal-Kalendarju saret ukoll il-ġabra għall-Kwaranturi li jsiru fi tmiem is-sena, b'talb ta' ringrazzjament u ta' awgurju għal sena ġdida mimlija b'kull barka mis-sema. Il-ġenerożità tagħkom tgħinna nippreparaw liturġija dinjituża bil-mużika tal-Orkestra u l-kant li tant isebbaħ dawn il-jiem ta' festi għeżież għalina.

Fl-aħħar Ħadd tax-xahar se ssir ukoll il-ġabra straordinarja għall-manutenzjoni tal-knisja. Bħalissa għaddej ħafna xogħol fuq ġewwa kif ukoll fuq barra u neħtieġu ħafna l-għajnuna tagħkom. Dejjem għentu u fiduċjuż li se tkomplu ssostnu l-ħidma tagħna. Grazzi mill-qalb lilkom u lill-voluntiera kollha.

### *Servizz ta' Qrar* L-Erbgħa 24 ta' Diċembru

05.00am – 12.00pm fil-knisja
04.30pm – 06.00pm fil-knisja u
fil-kamra tal-Qrar fis-Sagristija
06.00pm – 08.00pm fil-Prayer Room

## Programm tal-Milied 2025

### *Lejlet il-Milied* L-Erbgħa 24 ta' Diċembru

05.00pm Quddiesa
06.30pm Quddiesa tal-Vġili tal-Milied
07.00pm Purċissjoni tal-Bambin mill-MUSEUM tas-Subien bis-sehem tal-Banda Mnarja
11.30pm Talb tas-Salmi u Quddiesa ta' Nofsillejl

### *Nhar il-Milied* Il-Ħamis 25 ta' Diċembru

06.30am L-ewwel Quddiesa fil-Bażilika
07.00am Quddiesa fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù
07.15am Quddiesa fil-Kappella tas-Sorijiet Franġiskani
07.30am Quddiesa fil-Kappella ta' S. Tereża ta' Kalkutta, fiċ-Ċimiterju ta' Kenuna
08.15am Lawdi mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata
08.30am Quddiesa Konventwali bis-sehem tal-Kapitlu
09.45am Quddiesa bis-sehem tal-Familji
11.00am Quddiesa bis-sehem taż-Żgħażagħ
04.15pm Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata fil-Bażilika
04.30pm Rużarju u Barka Sagramentali fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù
05.00pm Quddiesa fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù
06.30pm Quddiesa fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù
07.00pm Kunċert tal-Milied imtella' mis-Soċjetà tal-Museum

**Iċ-Ċimiterji ta' Kenuna u tal-Ħniena Divina ser ikunu miftuħin** mis-7.00am sas-6.00pm f'Jum il-Milied u fl-Ewwel tas-Sena.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am